# IL-PJAN PASTORALI

# 2012 - 2014

---

## IL-PARROĊĊA TAŻ-ŻEJTUN

# Introduzzjoni

Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP), flimkien mal-Kummissjoni Implimentazzjoni tas-Sinodu (KIS) u ċ-*chairpersons* fi ħdan il-kummissjonijiet kollha, nedew dan il-programm biex jirrifletti l-viżjoni tal-Pjan Pastorali Djoċesan għat-tliet snin li ġejjin. Il-miri ewlenin fil-parroċċa taż-Żejtun se jkunu:

1. L-evanġelizzazzjoni
2. It-tisħiħ tal-qalb pastorali tal-Knisja

Huwa d-dmir tagħna li dan il-pjan ikompli jibni fuq ix-xogħol kollu li diġà sar. Barra minn hekk huwa importanti li, permezz tiegħu, l-operaturi pastorali, l-għaqdiet u l-oqsma kollha involuti fil-parroċċa tagħna jkomplu jitħeġġu fit-talb, fil-komunjoni u fil-formazzjoni spiritwali.  B'dan il-għan, il-miri li qed niżviluppaw hawn taħt mhumiex qegħdin immarkati skont il-kummissjonijiet biss imma, prinċipalment skont  il-valuri li ħarġu mis-Sinodu Djoċesan 1999-2003: il-komunjoni, il-formazzjoni,   l-evanġelizzazzjoni, il-qadi, id-djalogu u s-solidarjetà.  Dan għaliex nemmnu li kull kummissjoni għandha d-dmir tħaddan il-valuri kollha.

Għaldaqstant, wara eżerċizzju li sar fil-KPP dwar is-setturi li għandhom jintlaħqu minn dan il-pjan, inħass il-bżonn li nindirizzaw speċifikament dawn il-gruppi:

- L-operaturi pastorali kollha**(OP)**;
- Dawk l-individwi jew familji li qegħdin f'kuntatt mal-parroċċa imma li ma jagħtux sehemhom bħala operaturi pastorali (eż. dawk li jattendu l-quddies)**(KP)**; kif ukoll,
- Dawk l-individwi jew familji li, għal xi mod jew ieħor, mhumiex integrati fil-parroċċa**(MI)**.

## *Sehem il-Komunitajiet Reliġjużi fil-Parroċċa*

Fil-parroċċa tagħna għandna wkoll il-preżenza ta' erba' kariżmi reliġjużi permezz ta' erba' komunitajiet reliġjużi: tlieta tas-sorijiet u waħda tal-Ġiżwiti.  Kull waħda minn dawn il-komunitajiet tħaddemil-kariżma u l-ispiritwalità ispirata mill-fundatur partikulari ta' dik il-komunità.

**Il-Komunità ta' Ġesù Nazzarenu** tħaddan imħabba partikolari lejn Ġ.N. bil-virtujiet tal-umiltà, is-sempliċità u l-karità. Din il-komunità fil-parroċċa tagħna twettaq din il-viżjoni tal-kariżma mat-tfal, l-anzjani u dawk l-adoloxxenti li jeħtieġu attenzjoni partikolari.

**Il-Komunità ta' Wlied il-Qalb ta' Ġesù,** magħrufa bħala 'Tal-Ispirtu Santu',tħaddan devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u taħdem għat-tixrid ta' din id-devozzjoni billi jkunu qrib il-persuni. Din il-ħidma tispikka fl-oqsma tat-tagħlim tal-infantili, it-tagħlim reliġjuż u l-kura tat-tfal.

**Is-Soċjetà tal-Qalb ta' Ġesù** hija komunità bil-għan ewlieni li tiskopri u xxandar l-imħabba t'Alla, murija lilna fil-qalb minfuda ta' Kristu fuq is-salib. Dan jesprimi ruħu fis-servizz edukattiv fil-wesgħa tiegħu kollha mat-tfal u ż-żgħażagħ. Is-soċjetà fil-parroċċa tagħna timpenja ruħha wkoll fil-bini ta' din l-Ispiritwalità.

**Il-Kumpanija ta' Ġesù**, magħrufa bħala 'Tal-Ġiżwiti', tħaddan l-Ispiritwalità Injazjana u l-appostolat soċjali bħal fil-qasam tat-tagħlim ġenerali u t-tagħlim soċjali tal-knisja.  Din il-komunità tħaddan ukoll l-appostolat maż-żgħażagħ u l-kollaboraturi l-oħra kollha.

Dawn il-kariżmi kollha huma integrati fil-ħajja u l-ħidma tal-paroċċa. Flimkien mal-preżbiterju parrokkjali, kull komunità tfittex li ssostni l-esperjenza ta' komunjoni flimkien, permezz tat-talb, preżenza u inizjattivi

flimkien. Din l-esperjenza flimkien hija miftuħa għall-operaturi pastorali biex dawn jagħtu l-kontribut tagħhom u jgħinu sabiex tinfirex u titgawda iżjed mill-komunità parrokkjali kollha. Huwa għal dan il-għan li l-komunitajiet imsemmija, jissemmew ukoll f'diversi ħidmiet f'dan il-pjan pastorali.

Il-paġni li ġejjin huma ddedikati lil kull valur. Taħt kull wieħed minn dawn, hemm l-għanijiet kollha li qed nipproponu għat-tliet snin li ġejjin. Kull għan juri ma' liema oqsma hu marbut u lil min jikkonċerna.  Kull min hu marbut mal-ħidma tal-parroċċa, mistieden li jkompli japprofondixxi l-kariżmi tiegħu, waqt li jagħti importanza speċjali lill-punti li jikkonċernaw lilu direttament.

## Il-Komunjoni

| | Għan | OP | KP | MI | Lil min jikkonċerna |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Nimxu lejn speċjalizzazzjoni taċ-ċentri b'faċilitajiet teknoloġiċi għall-użu komuni, sabiex ikun hemm integrazzjoni fil-ħidmiet diversi tal-parroċċa. B'hekk niżviluppaw iktar il-potenzjal ta' kull ċentru. | | | | KPP<br>Timijiet taż-żoni<br>Kumm Media |
| 2. | Nikkombinaw iċ-ċentri ma' gruppi partikulari biex jinħoloq sens t'appartenenza. Dawn il-gruppi jkunu responsabbli mill-bżonnijiet regolari ta' dawn il-postijiet (eż. iżommuhom nodfa). | | | | Preżbiterju<br>KPP<br>Gruppi kollha |
| 3. | Min imexxi l-komunitajiet reliġjużi, il-gruppi u l-kummissjonijiet jibqa' jgħin sabiex ifakkar lill-membri l-oħra li l-kariżmi tal-grupp tagħhom għandhom ikollhom l-għan aħħari li jingħaqdu fi pjan wieħed ċentrali, skont il-Knisja u t-tagħlim tagħha. Il-parroċċa tinkuraġġixxi kull inizjattiva fuq din il-linja. | | | | KPP<br>Gruppi kollha<br>Sk ta' komunjoni<br>Kom Reliġjużi |
| 4. | Min imexxi komunitajiet reliġjużi, il-gruppi u l-kummissjonijiet jgħin lill-membri tal-gruppi tagħhom jifhmu l-obbligu li jidħlu f'sens ta' komunjoni u li jagħtu prijorità lill-attivitajiet li jseħħu fuq livell parrokkjali. Il-parroċċa tinkuraġġixxi dan mhux mill-aspett reliġjuż biss, imma wkoll f'dak kollu li jgħin sabiex nies ġodda jgawdu minn spirtu ta' inklussività. | | | | KPP<br>Gruppi kollha<br>Sk ta' komunjoni<br>Kom Reliġjużi |
| 5. | Ikun hemm tim madwar l-Arċipriet li jsostni l-viżjoni ta' komunjoni f'aspetti soċjokulturali li jkollom x'jaqsmu mal-parroċċa. Dan it-tim jagħraf jiddelega x-xogħol f'idejn entitajiet oħra skont il-bżonnijiet li jkun hemm u l-kuntest li fih jinqalgħu. | | | | Preżbiterju<br>KPP |
| 6. | Il-Kummissjoni Tfal tkun tikkonsisti minn grupp ta' tfal u kbar u tieħu ħsieb tikkordina l-attivitajiet kollha li jsiru għat-tfal fil-parroċċa. | | | | Kumm Tfal |
| 7. | Issir ċentralizzazzjoni tad-djarji kollha li fihom jitniżżlu l-attivitajiet u *bookings* li jsiru fil-parroċċa. | | | | Uff Parrokkjali<br>Sk ta' Komunjoni<br>Kumm Media |
| 8. | Tiġi żviluppata katina ta' komunikazzjoni bejn l-għaqdiet u l-kummissjonijiet kollha. Dawn jagħmlu eżerċizzju tal-missjoni u l-operat tagħhom sabiex jibqgħu dejjem attwali. Din l-informazzjoni titqassam mal-komunità ġenerali. | | | | Gruppi kollha<br>Kumm Media<br>KPP |
| 9. | Il-kleru, il-komunitajiet reliġjużi u l-operaturi pastorali kollha jkomplu jikkordinaw bejniethom sabiex ikunu aktar ta' xhieda Nisranija fil-komunità kollha. | | | | Preżbiterju<br>Kom Reliġjużi<br>Kumm kollha |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | KPP |
| 10. | Il-Kummissjoni Evanġelizzazzjoni tkompli tikkollabora ma' gruppi u kummissjonijiet oħra sabiex taqdi aspetti diversi tas-sejħa tagħha (eż. żjajjar lill-anzjani u l-morda, talb għall-familji u evanġelizzazzjoni bieb bieb). | | | | Kumm Evanġelizz<br>Gruppi kollha |
| 11. | Tingħata importanza lill-esperjenzi fil-komunità parrokkjali biex ikun hemm iżjed spirtu ta' għaqda u naħdmu bil-għan "li nkunu Knisja li tevanġelizza." Ikun hemm attenzjoni fuq l-eżempju u x-xhieda tajba minn kulħadd. | | | | Preżbiterju<br>Kom Reliġjużi<br>Kumm kollha<br>KPP |

## Il-Formazzjoni

| | Għan | OP | KP | MI | Lil min jikkonċerna |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Iċ-ċentri u l-oqsma fil-parroċċa jiġu żviluppati iktar bi ħsieb pastorali u bil-għan li jagħtu sens ta' akkoljenza lil kull min jużahom. | | | | Kunsill Ekonomiku<br>Persuna inkarigata |
| 2. | Tiġi aġġornata b'mod immedjat il-liturġija u l-paraliturġija sabiex il-kongregazzjoni tifhem iktar is-sens ta' dak li jsir u jiġu kkoreġuti ċertu żbalji. | | | | Preżbiterju<br>Kumm Liturġija<br>KPP |
| 3. | Jissaħħaħ iktar is-sens ta' appartenenza mal-kariżmi tal-għaqdiet biex il-membri ma jħossuhomx marbuta unikament ma' individwi partikulari (eż. min imexxi), imma mas-sens u l-għan tal-għaqda. | | | | Kumm kollha<br>Gruppi kollha |
| 4. | Ninvestu fi preparazzjoni iktar professjonali u spiritwali tal-lajċi u operaturi pastorali fuq il-livelli kollha (kemm dak parrokkjali, kif ukoll dak djoċesan u ta' Knisja universali). | | | | Preżbiterju<br>KPP<br>Sk ta' komunjoni |
| 5. | Isir tiġdid fil-membri tal-Kummissjoni Liturġija u ta' min jagħti servizz f'dan il-qasam b'enfasi fuq demm iktar żagħżugħ u ta' ċertu serjetà. Kull min jagħti sehmu f'dan is-settur jibqa' jiġġedded permezz ta' formazzjoni kontinwa. | | | | Preżbiterju<br>KPP<br>Kumm Liturġija |
| 6. | Issir reviżjoni u tissaħħaħ iktar id-dixxiplina fil-qari u fil-ħwejjeġ waqt il-liturġija, b'mod speċjali fil-każ ta' magħmudijiet, żwiġijiet u funerali sabiex ikun hemm sens ta' armonija fiċ-ċelebrazzjonijiet li jseħħu. | | | | Preżbiterju<br>Kumm Liturġija |
| 7. | Issir reviżjoni tal-kant kollu li jintuża waqt il-liturġija b'mod speċjali waqt il-quddies. | | | | Kumm Liturġija |
| 8. | Tiġi enfasizzata l-katekeżi tas-sagramenti, kemm waqt iċ-ċelebrazzjonijiet, kif ukoll fil-preparazzjoni għalihom. | | | | Preżbiterju<br>Kumm Liturġija |
| 9. | Isir ristrutturar fil-Kummissjoni Familja u jiġu riveduti l-impenji kollha fi ħdanha sabiex tkun organizzata għaż-żmien tal-lum. (Jinħolqu timijiet ta' 2 koppji jew 3 biex jieħdu ħsieb attività partikolari). | | | | Preżbiterju<br>KPP<br>Kumm Familja |
| 10. | Il-Kummissjoni Fratellanzi tkompli għaddejja bil-laqgħat ta' formazzjoni miftuħa għall-membri tagħha kif ukoll dawk li huma miftuħin għall-irġiel kollha. Jiġu ppjanati wkoll esperjenzi ta' iktar maturità Nisranija (eż. irtiri). | | | | Kumm Fratellanzi<br>Kumm Katekeżi |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. | Jiġu organizzati tliet laqgħat ta' formazzjoni fis-sena għall-membri tal-proġett 'Merħba Familji Ġodda' dwar l-etika, l-aspett Nisrani u l-kordinazzjoni. | | | | Kumm Familja |
| 12. | Ikomplu jsiru laqgħat u attivitajiet (uħud b'udjenza speċifika eż. tfal) dwar l-ambjent sabiex tiġi enfasizzata iktar ir-responsabbiltà li għandna aħna l-Insara lejn l-ambjent ta' madwarna. | | | | Kumm Ambjent |
| 13. | Isiru tliet laqgħat fis-sena obbligatorji għall-ġenituri kollha li t-tfal tagħhom jattendu d-duttrina. | | | | Kumm Katekeżi |
| 14. | Ikun hemm il-qrar għat-tfal tad-duttrina darba f'kull semestru. | | | | Kumm Katekeżi<br>Preżbiterju |
| 15. | Ikomplu għaddejjin il-laqgħat ta' formazzjoni għall-katekisti fil-parroċċa u fid-djoċesi. Sadanittant tkompli wkoll it-tfittxija u l-istedina għall-persuni ġodda biex jagħtu dan is-servizz. | | | | Kumm Katekeżi |
| 16. | Ikomplu għaddejjin il-laqgħat u mumenti oħra ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ adulti (ZYM) li jieħdu ħsieb l-animazzjoni tal-quddies. Ikomplu jitħejjew ukoll inizjattivi oħra miftuħin għaż-żgħażagħ ġodda. | | | | KPAŻ[1] |
| 17. | It-tfal li se jersqu għall-Griżma tal-Isqof u dawk li diġà għamluha (inklużi tfal fi gruppi oħra eż. *scouts* u abbatini) ikollhom laqgħat li jgħinuhom jifhmu iktar min hu l-Ispirtu s-Santu b'relevanza mal-ħajja tagħhom. | | | | Kumm Katekeżi<br>Kumm Tfal<br>Kumm Evanġelizz<br>Preżbiterju |
| 18. | Jitħejjew mumenti għaż-żgħażagħ u l-għarajjes fejn dawn iġeddu l-magħmudija u l-impenn tagħhom bħala Nsara. | | | | Kumm Zgħażagħ<br>Kumm Familja |
| 19. | Issir analiżi tal-esperjenzi ta' *outreach* li saru permezz ta' attivitajiet miftuħin għal kulħadd u ta' katekeżi f'xi żoni minn għaqdiet li jagħtu formazzjoni. Din l-analiżi sservi wkoll biex tingħata iktar ħajja lil ħidmiet oħra bħal dawn fil-futur. | | | | Kumm Evanġelizzazzjoni<br>KPP |
| 20. | Issir reviżjoni tal-passi li saru fil-parroċċa biex ngħinu nnaqqsu l-impatt fuq ir-riżorsi naturali u l-ambjent. (Tissokta l-ħidma fuq ir-rapport ECOPRO.) | | | | Kunsill Ekonomiku<br>Kumm Ambjent<br>Kulħadd |
| 21. | Fil-proġetti u l-attivitajiet kollha li jsiru mill-gruppi u l-għaqdiet, tingħata attenzjoni lill-impatt li dawn qed ikollhom fuq l-ambjent u n-natura (eż. l-użu tad-dawl, l-użu ta' oġġetti *disposable*, eċċ.). | | | | Kumm kollha<br>Għaqdiet kollha<br>Gruppi kollha |

[1]Kummissjoni Adolexxenti u Żgħażagħ (KPAŻ)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 22. | Nieħdu l-opportunità li, f'attivitajiet tal-massa li fihom tieħu sehem il-parroċċa, ngħinu lin-nies jifhmu iktar l-impatt li jkollhom fuq l-ambjent. | | | | Kumm Ambjent |
| 23. | Jitwaqqaf grupp ta' kordinament bil-għan li tingħata formazzjoni dwar l-għażliet u l-vokazzjonijiet fil-ħajja. Din il-ħidma titwettaq ma' tfal adolexxenti u żgħażagħ, kif ukoll mal-familji tagħhom. Dan kollu jissaħħaħ b'okkażjonijiet ta' talb u sagrifiċċju fil-komunità parrokkjali sabiex kulħadd jerfa' r-responsabbiltà tal-ħidma vokazzjonali. | | | | Preżbiterju<br>Kom Reliġjużi<br>KPP<br>Gruppi tal-familji<br>Kumm relatati |
| 24. | PIM - *Parish Ignatian Ministry*. Ħidma ta' taħriġ fuq persuni biex jiġu mgħallma diversi forom ta' talb. | | | | Kom Ġiżwiti |

## L-Evanġelizzazzjoni

| | Għan | OP | KP | MI | Lil min jikkonċerna |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Issir ħidma ta' evanġelizzazzjoni mat-tfal (anke waqt il-quddies iddedikata għalihom) li tkun tinvolvi wkoll lill-ġenituri tagħhom. | | | | Kumm Tfal<br>Kumm Katekeżi<br>Kumm Evanġelizzazzjoni |
| 2. | Tittieħed deċiżjoni dwar l-użu u x'tip ta' *projection* għandha tintuża fil-knisja waqt il-liturġija. | | | | Kumm Media<br>Kumm Liturġija |
| 3. | Tkompli tiġi ċċelebrata quddies darba fil-ġimgħa mmirata għaż-żgħażagħ adulti (minn 18-il sena 'l fuq), kif ukoll tibda ssir waħda simili għaż-żgħażagħ iżgħar (minn 13 sa 18-il sena). | | | | KPAŻ |
| 4. | Jibdew isiru żewġ *seminars* ta' nofstanhar fis-sena (fl-avvent u fir-randan) miftuħa għaż-żgħażagħ (minn 18-il sena 'l fuq) kollha fil-parroċċa. | | | | KPAŻ |
| 5. | Tkun żviluppata l-għajnuna fit-talb fuq bażi personali. Isir kordinament organizzat minn nies imħejjija apposta. | | | | Kom Reliġjużi |
| 6. | Jittella' kunċert ta' mużika għaż-żgħażagħ ta' etajiet differenti darba fis-sena bħala mezz ta' evanġelizzazzjoni. | | | | KPAŻ |
| 7. | Jiġi żviluppat iktar il-pjan ta' attivitajiet u laqgħat għall-adolexxenti kollha wara li jagħmlu l-Griżma. | | | | Kumm Katekeżi<br>Kumm Familja<br>KPAŻ |
| 8. | L-appostolat tat-talb, li bħalissa qed ikun impenn f'idejn il-Ġiżwiti, jiġi ppreżentat fil-parroċċa fl-istil modern tiegħu. Minbarra l-appostolat tat-talb, li fih lajċi impenjati ser jintalbu jgħinu, ser issir ħidma fuq il-konsagrazzjoni tal-familji u tal-parroċċa. F'din il-ħidma wkoll, gruppi u individwi jkunu mitluba jgħinu. | | | | Kom Ġiżwiti<br>Preżbiterju<br>KPP |
| 9. | Jitnieda kors ta' laqgħat fil-parroċċa dwar it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja li jkun orjentat għall-professjonisti. | | | | Preżbiterju<br>Kom Ġiżwiti<br>KPP |

## Il-Qadi

| | Għan | OP | KP | MI | Lil min jikkonċerna |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Infittxu l-għajnuna ta’ nies professjonali li jagħtu sehemhom fil-parroċċa, eż. ikollna *counsellor*. | ■ | ■ | ■ | Kumm kollha<br>Unità Pastorali |
| 2. | Titkompla l-ħidma biex insibu iktar volontiera li jixtiequ jagħtu sehemhom fil-Kummissjoni Djakonija. | ■ | ■ | ■ | Preżbiterju<br>KPP<br>Kumm Djakonija |
| 3. | Jinħoloq grupp ta’ *ushers* li jservu bħala ministri ta’ akkoljenza fid-dar t’Alla. | ■ | ■ | | KPP<br>Kumm Liturġija |
| 4. | Tingħata merħba lill-familji ġodda li jiġu jgħixu fil-parroċċa tagħna permezz tal-proġett ‘Merħba Familji Ġodda’. | | ■ | ■ | Kumm Familja |
| 5. | Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali tissokta bil-pjan ta’ ħidma tagħha filwaqt li tkompli tfittex nies ġodda sabiex ikun hemm l-opportunità għal attivitajiet differenti u miftuħin għal kulħadd. Din il-Kummissjoni tieħu ħsieb ukoll tikkordina l-attivitajiet soċjali. | ■ | ■ | ■ | Kumm Attivitajiet Soċjali |
| 6. | Diversi servizzi madwar il-knisja u ġo fiha jiġu kkordinati f’okkażjonijiet soċjali (eż. il-*Parroċċa Tistiednek*). | ■ | ■ | ■ | KPP |
| 7. | Jinstabu nies "tekniċi/professjonali" fil-parroċċa li jistgħu joffru servizz fil-Kummissjoni Media. | ■ | ■ | ■ | Kumm Media<br>KPP |
| 8. | Titħeġġeġ iżjed il-ħidma tas-saċerdoti djoċesana u reliġjużi sabiex ikunu iktar disponibbli għan-nies permezz tal-qrar u d-direzzjoni spiritwali. | ■ | ■ | ■ | Preżbiterju<br>Kom Reliġjużi |
| 9. | Isir żvilupp ta’ wħud miċ-ċentri sabiex dawn ikunu iktar akkoljenti għal min jużahom. | ■ | ■ | ■ | Kunsill Ekonomiku<br>KPP<br>Gruppi involuti |
| 10. | Tkompli titwettaq il-ħidma maż-żgħażagħ sabiex dawn ikomplu jiġu involuti fil-ħidma pastorali tal-parroċċa kollha. | ■ | ■ | ■ | KPAŻ |
| 11. | Issir ħidma ma' dawk li jqassmu l-fuljett u l-kartolini sabiex, bil-kuntatt tagħhom jintlaħqu kemm jista’ jkun membri fil-parroċċa, partikolarment dawk li mhumiex diġà parti integrali minnha. | ■ | ■ | ■ | Kumm Evanġelizzazzjoni |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. | Tespandi l-ħidma mal-għarajjes li jagħmlu l-Kors ta' Kana, kemm qabel kif ukoll wara l-kors. | | | | Kumm Familja |
| 13. | Issir tfittxija għal koppji ġodda bħala operaturi pastorali sabiex ikun hemm iktar għajnuna fil-ħidma ma' koppji u familji fil-parroċċa. | | | | Kumm Familja |

## Id-Djalogu

| | Għan | OP | KP | MI | Lil min jikkonċerna |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Inkomplu niżviluppaw l-animazzjoni ta' diversi ċentri pastorali (inkużi l-kappelli u entitajiet oħra) fil-parroċċa tagħna. Issir promozzjoni tas-servizzi u l-ħidmiet li jsiru fihom. | | | | KPP<br>Timijiet taż-żoni<br>Kumm Media |
| 2. | Il-kordinatur tat-tim pastorali ta' kull żona jikkordina wkoll il-bżonnijiet pastorali taż-żoni f'kollaborazzjoni stretta mal-KPP u l-Arċipriet. | | | | KPP<br>Timijiet taż-żoni |
| 3. | Jinħoloq kuntatt ma' nies li, minħabba raġunijiet diversi, mhumiex qed jgħixu r-realtà Nisranija. | | | | Kumm Evanġelizzazzjoni |
| 4. | Id-distributuri tal-fuljett u tal-kartolini, permezz ta' kuntatti regolari man-nies, ikomplu jinfurmaw lill-parroċċa b'nies ġodda li jiġu joqogħdu fiha sabiex ikun hemm iktar kuntatt regolari ma' kulħadd. | | | | Kumm Familja<br>Proġett 'Id f'Id' |
| 5. | Il-Kummissjoni Media timplimenta ħidma ta' promozzjoni tal-attivitajiet li jkunu se jsiru fil-parroċċa biex jikber il-kuntatt u l-interess fil-komunità kollha. | | | | Kumm Media |
| 6. | Jiġi żviluppat mezz ta' komunikazzjoni interna bejn l-għaqdiet, kummissjonijiet, eċċ. | | | | Kumm Media<br>KPP<br>Skola ta' Komunjoni |
| 7. | Jiġi identifikat u żviluppat iktar ir-rwol tal-kor parrokkjali fil-liturġija. | | | | Kumm Liturġija<br>Kor Parrokkjali |
| 8. | Tiġi żviluppata l-possibiltà li jinħoloq grupp għall-familji li jattendu l-quddies tat-tfal u tal-adolexxenti kull nhar ta' Ħadd. | | | | Kumm Familja<br>Kumm Tfal |
| 9. | Isir eżerċizzju sabiex tiġi kkordinata iktar il-ħidma tal-gruppi kollha li jkunu qed jagħmlu xi tip ta' *fund raising*. Jitpoġġa enfasi fuq l-għan komuni u fuq l-għarfien ta' ħidmiet u servizzi ta' xulxin. | | | | Kunsill Ekonomiku<br>KPP |
| 10. | Darba f'sena ssir *parents' day* għat-tfal li jattendu d-duttrina. | | | | Kumm Katekeżi |
| 11. | Il-Kummissjoni Katekeżi tkompli tikkordina l-attivitajiet li jsiru bħala katekeżi għall-adulti. | | | | Kumm Katekeżi |
| 12. | Tibda tiġi utilizzata iktar it-teknoloġija moderna (internet, *website*) u *social networks* biex nilħqu iktar nies b'mod | | | | Kumm Media |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | effiċjenti u noħolqu sens ta' komunità. | | | | |
| 13. | Ikunu osservati attivitajiet li jitħejjew mill-parroċċa u ma jsirux laqgħat jew attivitajiet oħra li jfixklu mill-attendenza tal-operaturi pastorali. | | | | Kumm kollha<br>Gruppi kollha |

## Is-Solidarjetà

| | Għan | OP | KP | MI | Lil min jikkonċerna |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Ikompli x-xogħol siewi li jsir mill-gruppi tal-anzjani u ta' persuni bi bżonnijiet soċjali fil-parroċċa. Issir reviżjoni ta' kif qed issir il-ħidma biex tkun relevanti għan-nies tal-lum. | | | | Kumm Djakonija<br>Kom Reliġjużi |
| 2. | Ikompli jiġi żviluppat u msaħħaħ ix-xogħol tal-proġett 'Id f'Id'. | | | | Kumm Djakonija |
| 3. | Titkompla l-ħidma tal-fratellanzi ma' gruppi ta' nies speċifiċi skont il-kariżma ta' kull fratellanza. | | | | Kumm Fratellanzi |
| 4. | Isiru żjajjar lill-familji f'mumenti importanti ta' ħajjithom, bħal ngħidu aħna, magħmudijiet, griżma, mard, luttu, perjodi ta' diffikultà fiż-żwieġ, eċċ. | | | | Preżbiterju<br>Kumm Familja |
| 5. | Tinstab għajnuna għall-familja minn professjonisti li jkunu jistgħu jiddedikaw ftit mill-ħin tagħhom b'mod volontarju. | | | | Kumm Familja<br>KPP |
| 6. | Isiru żjajjar lill-anzjani kemm meta jkunu l-isptar kif ukoll jekk jinstabu jgħixu waħedhom. Ikunu kkonfortati bis-sagramenti dawk l-anzjani li jkollhom nuqqas ta' saħħa. | | | | Kumm Djakonija<br>Preżbiterju<br>Kumm Liturġija |
| 7. | Flimkien mal-Komunità tal-Ġiżwiti, jiġu organizzati mumenti ta' solidarjetà li fihom tingħata xhieda kontra r-razziżmu u elementi simili. Dawn il-mumenti jinkludu talb u aspetti soċjali oħra. | | | | Kom Ġiżwiti<br>Preżbiterju<br>KPP |
| 8. | Il-Kummissjoni Djakonija terġa' tagħmel tentattiv ieħorsabiex tingħata għajnuna u *support*lil dawk li jitilfu lil xi ħadd għażiż. | | | | Kumm Djakonija |
| 9. | Il-Kummissjoni Djakonija tieħu ħsieb tħejji quddiesa kull xahar għal dawk li jkunu mietu matul dak ix-xahar. | | | | Kumm Djakonija |